

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 390/2012

tas-7 ta' Meju 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 318/2007 li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fil-Komunità u l-kundizzjonijiet ta' kwarantana tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(1) tad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 318/2007 ⁽²⁾ jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fl-Unjoni, li waħda minnhom hija li l-għasafar għandhom jiġu importati fl-Unjoni biss jekk dawn joriġinaw minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom imsemmija fl-Anness I tiegħu.
- (2) Il-Filippini talbu lill-Kummissjoni biex tawtorizza l-importazzjoni fl-Unjoni ta' għasafar imrobbija fil-magħluq skont ir-Regolament (KE) Nru 318/2007 minn parti tat-territorju tagħhom. Esperti tal-Kummissjoni wettqu missjoni ta' spezzjoni fil-Filippini biex jevalwaw jekk il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali meħtieġa għal dawn l-għasafar u l-kontrolli fis-seħħ kinux milħuqa minn dak il-pajjiż.

- (3) Il-Filippini pprovdew il-garanziji xierqa fir-rigward tal-konformità mar-regoli tal-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 318/2007 meħtieġa għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' għasafar imrobbija fil-magħluq minn parti tat-territorju tagħhom, jiġifieri ir-Reġjun tal-Kapitali Nazzjonali Manila. Dik il-parti tat-territorju tal-Filippini għandha għalhekk tiġi inkluża fil-lista stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 318/2007.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 318/2007 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 318/2007 tinżied l-entrata li ġejja:

“3. Il-Filippini: Ir-Reġjun tal-Kapitali Nazzjonali Manila.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Meju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

⁽²⁾ ĠU L 84, 24.3.2007, p. 7.